MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 7/2024 LM

**Nitish Kumar (Passaport Indjan numru V0803230)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni u Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **Nitish Kumar (Passaport Indjan numru V0803230)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tal-25 ta' Jannar, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li ddeċieda it-talbiet tal-appellant fil-konfront tal-appellat **l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], billi ċaħad l-appell tal-

appellant, u kkonferma d-deċiżjoni tas-6 ta' Settembru, 2023 għar-ritorn, għat-tneħħija tiegħu, u għall-projbizzjoni tar-ritorn tiegħu.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti. L-appellant wasal hawn Malta fit-8 ta' Awwissu, 2023, bis-saħħa ta' '*student visa',* wara li huwa kien applika u ġie aċċettat sabiex isegwi kors ta' *Undergraduate Diploma in Business Management* f'Malta ma' Domain Academy.[1] Fis-6 ta' Settembru, 2023, waqt li saret spezzjoni konġunta minn Jobsplus u l-Pulizija tal-Immigrazzjoni ġewwa l-istabbiliment 'Havana', huwa instab hemmhekk allegatament jaħdem wara l-bar, u għalhekk ġie arrestat u meħud iċ-Ċentru ta' Detenzjoni ġewwa Ħal Safi, filwaqt li ngħata kopja ta' deċiżjoni għar-ritorn, għat-tneħħija tiegħu, u għall-projbizzjoni tar-ritorn tiegħu, fejn ingħataw is-segwenti raġunijiet:

- *"you landed or are in Malta without leave from the Principal Immigration Officer;*
- *you are unable to show that you have the means of supporting yourself and your dependents (if any) or you or any of your dependents is likely to become a charge on the public funds;*
- *you contravened the provisions of the Immigration Act or any of the regulations made thereunder;*
- *you did not comply or ceased to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which you were granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit;"*

L-appellant ingħata wkoll kopja ta' ordni għar-ritorn, għat-tneħħija tiegħu, u għall-projbizzjoni tar-ritorn tiegħu, għas-segwenti raġunijiet:

- *you have no permanent address*

[1] Ara kopja tal-ittra ta' aċċettazzjoni 'Dok. A' *a fol.* 10).

- *You are unable to show that you have the means of supporting yourself*
- *You have not complied with any of the provisions of the Immigration Act and subsidiary legislation made thereunder"*

**Mertu**

3. Fil-11 ta' Settembru, 2023 l-appellant appella mid-deċiżjoni tal-appellat quddiem il-Bord, fejn ippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu permezz tal-avukat difensur tiegħu, u dan sabiex jiġi rilaxxjat immedjatament mid-detenzjoni tiegħu.

**Id-deċiżjoni appellata**

4. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"This is an appeal from a Return decision, Removal order and entry ban issued to appellant Nitish Kumar on the 6th of September, 2023 and handed to appellant on the same day.*
>
> *An appeal was lodged and received on the 11th of September, 2023. The Board held various sittings wherein appellant was given the possibility to submit documented proof and evidence. Various witnesses were summoned to testify, and documented evidence was also produced.*
>
> ***Grounds upon which return decision, removal order and entry ban have been issued are:***
>
> - *You landed or are in Malta without leave from the Principal Immigration Officer;*
> - *You contravened the provisions of the Immigration Act or any of the regulations made thereunder;*
> - *You are unable to show that you have the means of supporting yourself and your dependents (if any) or you or any or your dependents is likely to become a charge on the public funds;*

- *You did not comply or ceased to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which you were granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit;*

*During the hearing of this appeal, appellant requested the Immigration Appeals Board to consider granting him bail, which request was upheld on the 14th of November, 2023 under conditions as imposed.*

***Facts of the Case***

*Appellant arrived in Malta on the 8th of August 2023 on a student visa and was in Malta to pursue his studies in Business Management. Appellant was enrolled at Domain Academy.*

*The Immigration appeals board was informed by the Inspector in charge that during the evening hours of the 6th of September, 2023, appellant was found working at Havana Club without the necessary permits. The appellant declared (police statement on file) that he was on trial at the time of the inspection. The inspection was carried out together with Jobs Plus who were also on site.*

*Jobs Plus representative Bernard Zarb confirmed that on the night of the 6th of September 2023 they carried out an inspection at Havana Club and appellant was working behind the bar. Appellant was asked to produce a document showing the necessary permit which allowed him to work. Appellant was not in possession of such a document. Appellant produced his study visa which only allowed him to be in Malta to pursue his studies. Jobsplus representative held that the appellant was not in possession of a secondary license to work, this after carrying out the necessary searches.*

*Identità representative also testified and confirmed that appellant had a study permit which was subsequently revoked following the issuance of the return decision and removal order. Identità representiative also confirmed that there were no other pending applications lodged by the appellant for work. When questioned, representative confirmed that in order to work whilst studying in Malta, one can work for 20 hours but a request must be made and only after obtaining the go ahead, can an individual work. Upon cross-examination, Identità representative was asked whether the request for the employment license can be done whilst there is the issuance of the student card, to which Identità representative answered in the negative.*

<u>*Applicable Law*</u>

*Article 5(1) of Chapter 217 of the Laws of Malta states that,* "any person, other than one having the right of entry, or of entry and residence, or of movement or transit under the preceding Parts, may be refused entry, **and if he lands or is in Malta without leave from the Principal Immigration Officer, he shall be a prohibited immigrant".**

*Article 5(2)(a) then goes on to say* **"if he is unable to show that he has the means of supporting himself and his dependents (if any) or if he and any of his dependents is likely to become a charge on the public funds*;***

(b) if he is suffering from mental disorder or is a mental defective; or

(c) if, having landed in Malta pursuant to or under any regulation made under Article 44 and/or 50 of the provisions of the Prevention of Disease Ordinance, he is still in Malta after the lapse of the period of 15 days from the day on which the Superintendent of Public Health certifies in writing that the stay of such person in Malta is no longer required under and for the purpose of such regulation; or

(d) if he is found guilty by a court of Criminal Jurisdiction in Malta of an offence against any of the provisions of the White Slave Traffic (Suppression) Ordinance or of the Dangerous Drugs Ordinance or of a crime, other than involuntary homicide or involuntary bodily harm, which, in the case of a first crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term of not less than one year, or in the case of a second or subsequent crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term not less than three months; or

**(e) if he contravenes any of the provisions of this Act or of any regulations made thereunder; or**

**(f) if he does not comply or ceases to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which he was granted leave to land and remain in Malta or was granted a residence permit; or**

(g) if any circumstance which determined the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or the granting of a residence permit ceases to exist; or

(h) if such person is a prostitute; or

(i) if he is dependent of a person who is a prohibited immigrant under any of the provisions of this sub-article;"

## L-Appell

5. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fil-5 ta’ Frar, 2024, fejn qiegħed jitlob sabiex jogħġobha:

> *"...tilqa' l-aggravji tal-appellant, tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni datata 25 ta' Jannar 2024, u tħassar u tirrevoka id-deċiżjoni ta' l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni dana sabiex l-esponenti jkun jista' jkompli għaddej bl-applikazzjoni ta'* student permit.
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni"*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-fatti, senjatament tal-artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (b) kien hemm ksur tad-dritt li wieħed jistudja; (ċ) l-azzjoni kienet sproporzjonata.

6. Il-Bord u l-Uffiċjal Prinċipali appellati wieġbu fit-23 ta’ Frar, 2024, fejn issottomettew li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u korretta, u għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha għal dawk ir-raġunijiet li huma jfissru fit-tweġiba tagħhom.

## Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

7. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkunsidra jekk tassew il-Bord għandux raġun jikkontendi li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-appellant. Tikkunsidra li l-Bord huwa proprju t-tribunal li quddiemu l-appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali appellat, u li ddeċieda l-istess appell. Il-Bord qatt ma kien parti f’dawk il-proċeduri, u huwa kien proprju dak li kien qiegħed jippresedihom u jiddeċiedihom, u għaldaqstant l-appellant ma seta’ qatt jressaq l-appell odjern fil-konfront tiegħu. Huwa seta’

biss jirrikorri quddiem din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni, sabiex tissindika d-deċiżjoni appellata kif mogħtija mill-imsemmi Bord. Il-Qorti tirrileva li ma jistax ikun mod ieħor, għaliex id-deċiżjoni finali ta' din il-Qorti ma tista' qatt torbot lill-Bord bħala parti, iżda biss bħala ġudikant. Għaldaqstant il-Qorti tilqa' din l-eċċezzjoni li l-Bord mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

8. Il-Qorti ser tikkunsidra wkoll qabel xejn kwistjoni ta' natura preliminari li qiegħed jissolleva l-Uffiċjal Prinċipali appellat, fejn dan qiegħed jikkontendi li l-appell odjern huwa null u inammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217. Jispjega li skont id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' dritt '*rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III',* u jinsisti li l-appellant mhuwiex wieħed minn dawk il-persuni li huma ndikati taħt dik it-Taqsima, għaliex huwa mhuwiex ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma jinstab leġittimament fit-territorju ta' xi stat li huwa marbut bi Ftehim dwar Fruntiera. Dan jgħid li huwa skont kif espremiet din il-Qorti fid-diversi sentenzi tagħha, li huwa jgħaddi sabiex jagħmel riferiment għalihom, u jiċċita diversi siltiet minnhom in sostenn tal-argument tiegħu.

9. Il-Qorti tikkunsidra li fil-każ odjern, l-appellant kien wasal hawn Malta fit-8 ta' Awwissu, 2023, sabiex jattendi kors ta' '*Undergraduate Diploma in Business Management'* ma' Domain Academy, wara li kienet inħarġitlu *visa* li kellha validità bħala '*Long Term Student'* għall-perijodu bejn il-11 ta' Ġunju, 2023, u l-24 ta' Settembru, 2023. Imma fuq spezzjoni li saret bejn Jobsplus u l-Pulizija tal-Immigrazzjoni flimkien, l-appellant allegatament instab jaħdem wara

l-bar tal-istabbiliment magħruf bħala 'Havana'. Għalhekk meħud in konsiderazzjoni n-nazzjonalità tiegħu kif evidenti mill-atti tal-Bord, indubitament huwa mhuwiex ċittadin ta' Stat Membru, imma ċertament fil-ħin li ttieħdet id-deċiżjoni għar-ritorn tiegħu u nħarġet l-ordni tat-tneħħija tiegħu, li huwa kkontesta ħamest ijiem wara quddiem il-Bord, huwa kien jinstab b'mod leġittimu f'Malta bis-saħħa tal-*visa* li kienet inħarġet favur tiegħu minn Malta stess. B'hekk l-Uffiċjal Prinċipali appellat m'għandux raġun meta jikkontendi li l-appell odjern huwa inammissibbli, għaliex l-appellant mhuwiex persuna ndikata taħt it-Taqsima III tal-Kap. 217. Jonqos għalhekk li l-Qorti tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-appellant.

*L-Ewwel Aggravju:* *[il-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-fatti senjatament tal-artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta]*

10. L-appellant jikkontendi li Jobsplus u anki l-Uffiċjal Prinċipali appellat, ma pprovdew l-ebda evidenza li huwa kien qiegħed jaħdem, u dan għaliex fis-6 ta' Settembru, 2023, huwa kien qiegħed jagħmel biss prova bla ħlas. Isostni li l-Uffiċjal Principali appellat ma talab għall-ebda kuntratt tax-xogħol u lanqas ippreżentah quddiem il-Bord, għaliex proprju dan kien ser isir wara li l-partijiet jiftehmu li huwa kellu jibda jaħdem fl-istabbiliment fuq bażi *part-time.* L-appellant jispjega li huwa kien iddikjara bl-aktar mod ċar meta kien ġie nterrogat minn Jobsplus u l-Uffiċjal Prinċipali appellat, li huwa kien jinsab hemm fuq prova u mhux fuq xogħol, u kien ilu hemm biss nofsiegħa/siegħa. Jirrileva li m'hemm l-ebda provvediment fil-liġi li jinibixxi lil xi ħadd li jmur jikkonferma jekk post tax-xogħol jgħoddx għalih jew le. Imma wkoll kien mistenni li titressaq

prova li huwa kien qiegħed jaħdem fl-istabbiliment imsemmi, liema prova kellha ssir permezz ta' kuntratt tax-xogħol u ta' ħlas. Huwa jinsisti li ma kienx għadu tkellem ma' *supervisor* jew *manager* tal-istess stabbiliment dwar il-paga jew remunerazzjoni li huwa kellu jirċievi. Jirrileva li huwa kien sab ruħu fl-istabbiliment minħabba *interview.* Dwar il-prova li hija mistennija li ssir, huwa jagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-ismijiet **Chef Choice Limited *vs.* Raymond Galea et** deċiża fis-26 ta' Settembru, 2013, u anki għall-artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. L-Uffiċjal Prinċipali appellat jirrileva li d-deċiżjoni appellata hija waħda finali, u appell huwa permess biss fuq punt ta' dritt. Iżda minn qari tar-rikors tal-appell, kien evidenti li l-aggravji huma ndirizzati lejn ir-reviżjoni tal-provi u mhux punt ta' dritt. Filwaqt li jiċċita dak li qalet din il-Qorti fid-diversi sentenzi tagħha dwar l-inammissibbiltà ta' appell fejn dan ma jkunx sar fuq punt ta' dritt, jinsisti li l-appell odjern għandu jiġi ddikjarat irritu u null.

12. Il-Qorti tikkunsidra li l-Uffiċjal Prinċipali appellat għandu raġun għaliex m'hemm l-ebda dubju li dan l-ewwel aggravju tal-appellant jittratta l-apprezzament tal-provi li tressqu quddiem il-Bord dwar il-kwistjoni tal-allegat impjieg tiegħu fl-istabbiliment 'Havana'. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tikkunsidrah u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Ksur tad-dritt li wieħed jistudja]*

13. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed jikkontendi li l-ebda waħda mir-raġunijiet elenkati fid-deċiżjoni ta' ritorn tiegħu ma tirriżulta, għaliex huwa kien daħal f'Malta bis-saħħa ta' *'student visa',* u kellu pendenti

applikazzjoni sabiex tinħariġlu *'student temporary permit'.* Jissottometti li rriżulta li huwa dejjem ħares il-kundizzjonijiet li taħthom ngħata l-I*'istudent visa',* imma wara l-ispezzjoni li saret fl-istabbiliment 'Havana', huwa kien ġie arrestat, u sussegwentement ittieħed fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni f'Ħal Safi, u ma setax ikompli jsegwi l-kors tal-istudju li għalih kien ħallas eluf ta' liri, u tassew ġie mill-bogħod biex isegwih.

14. L-Uffiċjal Prinċipali appellat jissottometti li m'hemm l-ebda dritt taċ-ċittadin terz li jistudja f'Malta, iżda biss li jingħata permess ta' studju ġewwa Malta, li fil-każ odjern ingħata taħt kundizzjonijiet ċari. Jikkontendi li l-aġir tal-appellant stess ċaħdu milli jkompli bl-istudji tiegħu f'Malta, għaliex huwa kien ġie meqjus bħala immigrant projbit skont il-liġi.

15. Il-Qorti tikkunsidra li kwistjonijiet dwar l-allegat ksur ta' dritt li wieħed jistudja, ma jaqgħux fil-kompetenza tagħha bħala qorti tat-tieni istanza b'setgħa limitata sabiex tirċievi quddiemha u tiddeċiedi appelli limitatament kif imfisser fid-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant hija qegħda tastjeni milli tikkunsidra dan it-tieni aggravju tal-appellant.

*It-tielet aggravju:* *[Sproporzjonalità tal-azzjoni]*

16. It-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda l-allegat sproporzjonalità tal-azzjoni meħuda fil-konfront tiegħu. Huwa jiċċita l-provvedimenti tas-subartikolu 27(2) tad-Direttiva 2004/38/KE, u jagħmel riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, filwaqt li għall-fini tal-azzjoni li tittieħed fil-konfront tal-individwu, jirrileva li l-imġiba personali għandha tirrappreżenta theddida ġenwina, preżenti u serja biżżejjed, sabiex tolqot

wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà. L-appellant jisħaq li fil-każ odjern huwa jħossu aggravat li għandu kondotta nadifa mal-Pulizija, u għalhekk l-azzjoni sabiex tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn u tkeċċija tiegħu għal reat li qatt ma ġie ppruvat, m'għandhiex twassal għal revoka ta' permess validu ta' residenza. Jgħid li huwa ried isib impieg waqt li kien qiegħed jistudja hawn Malta, iżda dan fejn ikollu d-dokumentazzjoni neċessarja u anki ftehim ta' impieg, u billi jissottometti liċenzja ta' impieg ma' Jobsplus, fejn huwa kellu applikazzjoni diġà sabiex jottjeni *Student Residency Permit*. L-appellant jargumenta li wieħed ma setax jagħtih tort għall-fatt li huwa xtaq isib impieg ġaladarba kellu it-*Temporary Residence Card,* iktar u iktar fejn l-ispejjeż tal-għajxien ta' kuljum f'Malta kienu għolew. Għal darb'oħra jsostni dwar-nuqqas ta' prova tal-allegat impieg tiegħu, u jikkontendi li l-arrest kien dovut għar-razza jew in-nazzjonalità tiegħu. Jgħid li issa l-Uffiċjal Prinċipali appellat kien qiegħed jipprojibih milli jidħol hawn Malta għal tliet snin, u fil-frattemp huwa kien sofra esperjenza trawmatika minħabba d-deċiżjoni sproporzjonata tiegħu għad-detenzjoni, li saħansitra ċaħditu milli jattendi l-kors ta' studju tiegħu li għalih ħallas eluf ta' flus, u dan filwaqt li huwa kien telaq lill-familja tiegħu sabiex jiġi jgħix hawn Malta, ma setax jirrisjedi fl-appartament li huwa kien kera u ħallas għalih bil-quddiem, ġew revokati l-permessi kollha li huwa kellu mal-aġenzija Identità, u issa qiegħed jiġi mċaħħad għal tliet snin milli jidħol fiż-żona Schengen. Jinsisti li ċertament dawn il-miżuri huma għal kollox eċċessivi li ma jirriflettux il-każ odjern.

17. L-Uffiċjal Prinċipali appellat jispjega li l-piena mhijiex imposta biss fejn hemm raġuni ta' ordni jew sigurtà pubblika, iżda anki fejn hemm ksur tal-artikolu 5 tal-Kap. 217 fejn il-persuna konċernata tonqos milli tħares il-liġi.

Jikkontendi li l-imġiba preċedenti tal-appellant ma tiġix ikkunsidrata, għaliex il-ksur tal-artikolu 5 tal-kap. 217 ma jistrieħx fuq ir-reċidività. Huwa jirrileva li d-dikjarazzjoni tal-appellant li kellu intenzjoni li jsib impieg b'mod regolari, hija kontradetta mill-fatt li wara l-arrest tiegħu huwa ma ppreżenta l-ebda applikazzjoni għall-permess ta' xogħol. L-Uffiċjal Prinċipali appellat jagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Frar, 2023, fl-ismijiet **Park Heekyeong *vs.* Ufficcjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**, App. 112/2022LM, u jargumenta li huwa marbut li japplika l-liġi kif inhi. Jissottometti li jekk tassew l-appellant xtaq jaħdem hawn Malta, huwa kien tenut jimxi skont il-kundizzjonijiet li huwa stess aċċetta meta applika għal *Visa,* u tal-anqas jippreżenta applikazzjoni għal permess ta' xogħol, filwaqt li josserva l-kundizzjonijiet tal-istess applikazzjoni.

18. Il-Qorti tibda billi tosserva li l-argumenti miġjuba f'dan l-istadju tal-appell mill-appellant jimpinġu fuq il-mertu. Għal darb'oħra, filwaqt li tikkunsidra d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, tgħid li hija għandha tinvestiga jekk tassew l-Ordni għat-Tneħħija, id-Deċiżjoni għar-Ritorn u l-Ordni ta' projbizzjoni tar-ritorn tiegħu sarux skont il-liġi. Iżda dan bl-ebda mod ma jista' ifisser li l-Qorti qiegħda taċċetta li tinvestiga l-mertu f'dan l-istadju tal-appell. Barra minn hekk kull kontenzjoni tal-appellant li fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-Ordni għat-Tneħħija, id-Deċiżjoni għar-Ritorn u l-Ordni ta' projbizzjoni tar-ritorn tiegħu, kienu ħorox wisq, u li huwa wkoll ġie soġġett għal trattament sproporzjonat meta nżamm fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi, hemm proċeduri oħrajn fejn dawn l-ilmenti jistgħu jiġu indirizzati, iżda ċertament dan mhux il-*forum* addattat sabiex jiġu trattati.

19. Għaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dan it-tielet aggravju tal-appellant.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell odjern, filwaqt li tiddikjarah irritu u null.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċedura u dik quddiem il-Bord, għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**